MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tat-3 ta' Lulju, 2003

Rikors Numru. 555/2002/1

**Catherine Galea**

**vs**

**Registratur tal-Qrati, Direttur Generali tal-Qrati, Bonsons Limited, l-Avukat Dottor Peter Caruana Galizia, il-PL Edgar Montanaro, l-Avukat Dottor Joseph Galea Debono, illum Imhallef u l-PL Mary Galea Debono**

**Il-Qorti;**

Rat ir-Rikorsipprezentat mir-rikorrenti fil-15 ta' Mejju, 2002, li in forza tieghu wara li esponiet:

1. Illi fil-5 ta' Ottubru, 2001 l-Onorabbli Qorti tal-Appell tat sentenza fil-kawza fl-ismijiet, "*Bonsons Limited vs AIC Catherine Galea*", liema kawza ggib in-numru 984/98 AJM, fejn l-istess Qorti rrevokat is-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili li kienet laqghet l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuta, u cioe', li ma kienx hemm relazzjoni guridika bejnha u bejn is-socjeta' Bonsons Limited, u rrimettiet l-atti ghall-kontinwazzjoni, bl-ispejjez taz-zewg istanzi a karigu tal-konvenuta appellata;

2. Illi l-intimat Registratur tal-Qrati ntaxxa d-drittijiet sija tar-registru kif ukoll tal-Avukati evidentement *ad valorem* fuq ammont li jista' jlahhaq hamsin elf lira (Lm50,000) u a bazi ta' eccezzjoni li ma tmissx il-mertu, kif wiehed jista' jifhem mid-dokument hawn anness, u mmarkat Dok ED1, pero' dan ikun jista' jispjegah ahjar l-istess Registratur tal-Qorti;

3. Illi tali tassazzjoni ma tistax issir f'dan l-istadju skond il-Ligi imma ghandha tistenna l-esitu tal-perizja fil-meritu tal-kawza u wara decizjoni finali tal-kawza fuq imsemmija ghandha tinhareg it-tassazzjoni apposita skond il-likwidazzjoni o meno tad-danni pretizi;

4. Illi a parte dan il-fattur, huwa stabbilit fil-gurisprudenza nostrana illi fil-kawzi fejn il-Qorti tkun mitluba li tillikwida danni, it-tassazzjoni tad-drittijiet issir fuq l-ammont li l-istess Qorti tillikwida fis-sentenza finali, l-ammont li fis-sentenzi nsibuh riferit bhala *ottenuto;*

5. Illi ghalhekk f'dan l-istadju tal-kawza *de quo*, ma jista' jigi mehud in konsiderazzjoni ebda valur ghal fini ta' tassazzjoni ta' drittijiet ghaliex tali valur jista' ma jkunx dak li tillikwida l-Qorti u b'hekk, it-tasazzjoni maghmula prekocement tirrizulta fallaci;

6. Illi l-prassi dejjem kienet illi meta jkun necessarju li ssir tassazzjoni fi stadju qabel il-Qorti tkun illikwidat finalment l-ammont, l-istess tassazzjoni ssir bhala artikolu (*point of law)*, b'dan pero', illi finalment

terga' ssir tassazzjoni *ad valorem*, jekk ikun il-kaz, u jinhareg dritt addizzjonali;

7. Illi lanqas ma huwa l-kaz li l-eccezzjoni li giet deciza fil-kawza *de quo* tigi moghtija dritt *ad valorem*, u dan ghaliex fl-istess kawza, bil-prularita' ta' talbiet fl-att promotorju, hija d-dikjarazzjoni ta' responsabbilita' li ghandha tigi ntaxxata fuq il-valur u mhux it-talbiet l-ohrajn jew l-eccezzjonijiet;

Ghaldaqstant, ir-rikorrenti umilment titlob li din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara nulla u inattendibbli t-tassazzjoni tad-drittijiet maghmula mill-intimat Registratur tal-Qrati u d-Direttur Generali fil-kawza Bonsons Limited vs AIC Catherine Galea, Citazzjoni Numru 984/98 AJM, rimessa quddiem din l-Onorabbli Qorti mill-Qorti tal-Appell fil-5 ta' Ottubru 2001, in kwantu tali tassazzjoni saret fuq bazi ta' valur;
2. Tordna lill-istess intimat Registratur tal-Qrati u Direttur Generali jerga' jintaxxa d-drittijiet fil-kawza precitata, jekk ikun il-kaz, u dana a bazi ta' *points of law*, u
3. Tiddikjara irritwali u inattendibbli t-taxxa rilaxxjata mill-istess intimat Registratur tal-Qrati u Direttur Generali fis-16 ta' April 2002, in kwantu tinkorpora drittijiet li m'humiex korretti, kif ukoll, kull taxxa simili li setghet similment giet rilaxxjata.
4. Bl-ispejjez.

Rat in-Nota tas-socjeta' intimata Bonsons Limited li in forza taghha rrimettiet ruhha ghall-gudizzju ta' dina l-Qorti;

Rat in-Nota tal-Avukat Dottor Peter Caruana Galizia li biha, filwaqt li jiddikjara li qed jirrimetti ruhu ghall-gudizzju ta' dina l-Qorti igib is-segwenti a konjizzjoni tal-istess Qorti:

a) l-argument tar-rikorrenti li l-proceduri sal-istadju tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-5 ta' Ottubru 2001 kellhom jigu ntaxxati bhala *point of law* u mhux *ad valorem* huwa fallaci, ghax kieku l-appell gie michud il-

kawza kienet tieqaf hemm u ovvjament il-kawza kienet tigi ntaxxat fuq il-valur tal-mertu, bhal ma jigri, per ezempju, fil-kaz ta' sentenza li tichad it-talba minhabba preskrizzjoni;

b) Ghalhekk it-taxxa ma tistax tiddependi fuq jekk giex michud jew milqugh l-appell izda ghandha tkun l-istess fiz-zewg eventwalijiet;

c) Fi kwalunkwe kaz l-esponenti ma ghandux ibaghti spejjez ta' dina l-procedura stante li ma kellu l-ebda responsabbilita' ghall-hrug tat-taxxa mpunjata.

Rat ir-Risposta tar-Registratur tal-Qrati li biha ddikjara illi:

1. Fil-fehma ta' l-esponenti din il-pendenza tirrigwarda valur u hija l-prassi li f'kazijiet simili l-esponenti jiehu dikjarazzjoni mill-process dwar valur skond il-paragrafu 14, abbinat mal-paragrafu 33, ta' Tariffa E ta' Skeda A tal-Kap 12;

2. Bla pregudizzju, l-esponenti joqghod ghall-gudizzju ta' din il-Qorti u m'ghandux ibati spejjez;

3. Salv kull provvediment.

Semghet il-provi li ressqu l-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza hi traxxitu tal-kawza "Bonsons Limited vs AIC Catherine Galea" (Citazzjoni numru 984/98) li ghadha pendenti quddiem din il-Qorti diversament presjeduta. L-ewwel eccezzjoni tal-konvenuta f'dik il-kawza kienet li ma kien hemm ebda relazzjoni guridika bejnha u s-socjeta' attrici. Din il-Qorti, b'sentenza tad-19 ta' Jannar, 1999,

kienet laqghet din l-eccezzjoni, illiberat lill-konvenuta mill-osservanza tal-gudizzju u b'hekk iderimiet dik l-istanza. Is-socjeta' attrici kienet appellat minn dik is-sentenza, u l-Onorabbli Qorti tal-Appell, b'sentenza moghtija fil-5 ta' Ottubru, 2001, kienet irrevokat is-sentenza moghtija minn din il-Qorti, cahdet dik l-eccezzjoni preliminari tal-konvenuta u rrimettiet l-atti lura lil din il-Qorti biex tkompli titratta l-kaz fil-meritu; l-Onorabbli Qorti tal-Appell ordnat ukoll li l-ispejjez ta' dik id-decizjoni, kemm fil-prim istanza kif ukoll fl-appell, kellhom jithallsu mill-konvenuta. Tajjeb li jigi osservat li l-kawtela ghall-appell ma nhadmitx fuq il-valur tad-danni pretiza, izda fuq punt ta' dritt li fil-fatt kien gie deciz mill-ewwel Qorti (Lm20 ghar-Registratur u Lm80 ghall-Avukat u l-Prokuratur Legali).

Ir-Registratur tal-Qorti intalab johrog taxxa tad-drittijiet dovuti u peress li l-kawza, fil-meritu, kienet tikkontempla l-likwidazzjoni u l-hlas tad-danni, fl-atti tal-process tal-kawza (li, kif nghad kienet u ghadha pendenti) giet inserita Nota konguntiva tal-partijiet li in forza taghha l-partijiet qablu li, ai fini tat-tassazzjoni, l-valur tad-danni *in issue* kien ta' Lm50,000. A bazi ta' din id-dikjarazzjoni r-Registratur intaxxa s-sentenza billi hareg dritt ghall-Appell f'ammont ta' Lm861 tar-Registratur u Lm509 tal-Avukati tal-partijiet; ghad-decizjoni in prima istanza, id-dritt intaxxat kien ta' Lm621 u Lm382 rispettivament.

Ir-rikorrenti, li bhala l-parti sokkambenti f'dik il-kawza, giet mitluba thallas dawk l-ispejjez, qed toggezzjona ghal mod ta' kif it-taxxa giet ikkalkulata, u dan peress li, f'dan l-istadju, kull ma gie deciz mill-Qorti kien eccezzjoni preliminari ta' natura legali u bl-ebda mod ma gie trattat u deciz il-meritu, tant li fuq dan, il-kawza ghadha pendenti quddiem din il-Qorti. F'dan l-istadju, qed jigi allegat, it-taxxa ghandha tinhadem fuq decizjoni ta' punt ta' dritt, bit-taxxa fuq id-danni tinhadem meta l-kawza tigi deciza finalment.

L-intimat l-Avukat Dottor Peter Caruana Galizia osserva li l-hdim tat-taxxa sar tajjeb, ghax kieku l-appell in kwistjoni kien gie michud, il-kawza kienet tieqaf hemm u kienet tigi ntaxxata fuq il-valur tal-meritu u, bhala regola, it-taxxa ma

tiddependix fuq jekk il-kawza tintrebah jew tintilef ghax l-ammont ghandu jkun l-istess fiz-zewg eventwalijiet.

L-Avukat supra indikat ghandu ragun ghal dak li qed jissottometti, izda sa certu punt. Id-dritt intaxxat, kemm dak dovut lir-Registru kif ukoll dak dovut lill-Avukati tal-partijiet, ikun l-istess ikun x’ikun l-ezitu ahhari tal-kawza, pero’, it-taxxa hija differenti jekk tinghata sentenza preliminari a differenza ta’ sentenza definittiva. Jekk il-qorti, b’sentenza li taghti, twaqqaf il-meritu, allura t-taxxa trid tiehu in konsiderazzjoni l-meritu kollu tal-kawza, ghax b’dik is-sentenza il-kawza nnifisha tkun giet terminata u allura r-Registratur ikun irid johrog taxxa li tolqot it-talbiet kollha ta’ dik il-kawza. Jekk, pero’, b’sentenza li taghti l-Qorti, tkun giet deciza biss kwistjoni wahda tal-kawza, bis-smiegh tal-kawza se jitkompla, it-taxxa ghandha tirrifletti biss dik il-kwistjoni determinata, u mhux ukoll kwistjonijiet ohra li ghad iridu jigu trattati u decizi.

F’dan il-kaz, il-punt deciz kien punt legali li jolqot ir-relazzjoni guridika bejn il-partijiet fil-kawza; decizjoni fuq dak il-punt ma kienx jehtieg ezami tal-meritu, cioe’, dwar jekk kienx hemm dannu, u, f’kaz affermattiv, l-ammont ta’ dak id-dannu. Meta din il-Qorti pero’, laqghet l-eccezzjoni sollevata in meritu ta dik il-kwistjoni u waqfet il-perkors tal-kawza, kieku dik is-sentenza ghaddiet in gudikat, ir-Registratur kien ikun intitolat johrog taxxa ibbazata fuq il-meritu kollu tal-kawza. Darba, pero’, li dik id-decizjoni giet revokata mill-Onorabbli Qorti tal-Appell, li cahdet dak il-punt preliminari u halliet impregudikat il-meritu, it-taxxa kellha torhog a bazi ta’ decizjoni fuq punt ta’ dritt, ghax kien dak il-punt biss li gie determinat mill-Qorti. Id-dritt tar-Registru ghal taxxa fuq il-valur tad-danni mhux qieghed, b’daqshekk, jigi ppregudikat, ghax meta l-kawza tigi eventwalment deciza definitivament, allura hemmhekk jiskata d-dritt tar-Registratur li johrog taxxa a bazi tad-danni kif determinati mill-Qorti. F’dan il-kaz, pero’, u f’dan l-istadju, it-taxxa trid tohrog fuq punt ta’ dritt, u dan kemm ghar-rigward tad-decizjoni ta’ prim istanza, kif ukoll tad-decizjoni moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Appell.

In-nota li giet inserita fil-process fejn gie dikjarat il-valur tad-danni al fini tat-tassazzjoni, jidher li saret ghall-iskop ta' l-artikolu 33 tat-Tariffa E ta' Skeda A annessa mal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap 12). Peress li l-konvenuta f'dik il-kawza kienet ippatrocinata mill-Avukat Dottor Joseph Galea Debono li, in segwitu, gie elevat ghall-Gudikatura, hu ried li jithallas id-dritt tieghu tal-kawza kollha, u dan peress li ma setax jibqa' jippatrocinja lill-konvenuta. Dan l-artikolu jipprovdi kif jinhadem id-dritt ta' Avukat li jitlaq lill-klijent, liema dritt, ovvjament, ikun irid jinhadem fuq il-meritu kollu tal-kawza, u dan ghax hu fuq dak il-meritu li hu kien ipresta s-servizzi tieghu. Dan isir, pero', ghal fini biex jigi determinat kemm l-Avukat ghandu dritt jithallas mill-klijent tieghu, izda mhux biex jigi determinat id-dritt tar-Registru u tal-Avukat li jista' jkun dovut wara sentenza u li jkunu rekuperabbli mill-parti telliefa. Fi kliem iehor, l-artikolu 33 u 34 tal-imsemmija Tariffa tirregola r-relazzjonijiet fiskali ta' klijenta mal-Avukat l-antik u l-gdid taghha, izda t-taxxa ufficjali li tohrog wara sentenza ma tidholx f'din ir-relazzjoni u ghandha tirrispekja biss l-istadju li fih il-kawza tkun waslet dak il-hin. L-imsemmija Nota konguntiva jidher li saret (u hekk, fil-fatt, jinghad fiha) biex l-Avukat, illum Imhallef Joseph Galea Debono jigbor id-drittijiet tieghu kif kontemplat fl-imsemmi artikolu 33, u l-intaxxar li gie mitlub jaghmel ir-Registratur kellu jkun limitat ghal dak l-iskop. Min-naha l-ohra, it-taxxa li kellu johrog wara s-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell kellha tirrispekkja l-meritu tad-decizjoni, u cioe', il-punt tad-dritt deciz, u huma dawk l-ispejjez, relatati ma' dak l-incident, li s-socjeta' attrici ghandha dritt tigbor, f'dan l-istadju, minghand il-konvenuta, rikorrenti f'dawn il-proceduri.

It-taxxa li hareg ir-Registratur bid-data tas-16 ta' April 2002, ma tistax, ghalhekk, titqies valida, ghax in kwantu dik it-taxxa tahdem id-dritt tar-Registru u tal-Avukati tal-partijiet tal-kawza sad-decizjoni tal-Onorabbli Qorti tal-Appell tal-5 ta' Ottubru, 2001, fuq il-bazi tal-valur tad-danni li hu meritu tal-kawza, hija intempestiva, ghax kif inghad l-ammont ta' danni, jekk jirrizulta, ghadu qed jigi diskuss minn din il-Qorti. Taxxa tad-drittijiet dovuti lill-Imhallef Joseph Galea Debono tista' u ghandha tinhareg

fuq il-valur dikjarat ta’ Lm50,000, izda taxxa ufficjali tal-partijiet fil-kawza, wara d-decizjoni tal-Onorabbli Qorti tal-Appell, trid tinhareg, f’dan l-istadju, fuq il-punt tad-dritt kontrovers u deciz.

Ghalhekk, min-naha l-ohra, ma jistax jinghad li t-tassazzjoni tad-drittijiet li saret fuq bazi ta’ valur hija nulla u inattendibbli, ghax, ghall-iskop biex jigi determinat id-dritt tal-Avukat precedenti tar-rikorrenti, it-tassazzjoni hekk kellha ssir. Hija t-taxxa rilaxxjata fis-16 ta’ April, 2002, li hija nulla u dana peress li, ghall-iskop indikat, it-taxxa ma kellhiex tinhadem b’dak il-mod.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi min din il-kawza, billi filwaqt li tichad l-ewwel talba tar-rikorrenti, tilqa’ t-tieni u t-tielet talba tar-rikorrenti kif dedotti; in kwantu dawn jirreferu ghall-intaxxar tad-drittijiet fil-kawza bin-numru 984/98.

L-ispejjez kollha ta’ dawn il-proceduri, fic-cirkustanzi, ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partiiet, b’dan li d-dritt tar-Registru ghandu jinqasam bejn erbgha, u, cioe’ (i) l-attrici, (ii) ir-Registratur tal-Qorti, (iii) is-socjeta’ Bonsons Limited, u (iv) l-Avukat Dottor Peter Caruana Galizia u l-Prokuratur Legali Edgar Montanaro.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------